

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 50/04)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Spanja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u l-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro għandhom il-permess joħorġu muniti tal-euro commemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, partikolarment li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Spanja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Siti ta' Patrimonju Dinji Naturali u Kulturali tal-UNESCO – il-Monasteru ta' San Lorenzo del Escorial

Id-deskrizzjoni tad-disinn:

Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi l-Monasteru ta' San Lorenzo del Escorial. Fil-parti ta' fuq, miktub għat-tond u b'ittri kapitali, hemm l-isem tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "ESPANA". Fuq in-naħa tax-xellug, tidher is-sena tal-ħruġ "2013" u l-marka taz-zekka.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

In-numru ta' muniti li għandhom jinħarġu: 8 miljuni

Id-data tal-ħruġ: Frar 2013

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, pp. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, pp. 52).